



**L-operatur ta' mutur ta' tfittxija fuq l-internet huwa l-kontrollur tal-ipproċessar li huwa jwettaq tad-data personali li tidher fuq paġni tal-internet ippubblikati minn terzi**

*Għalhekk, meta, wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi tal-isem ta' persuna, il-lista ta' riżultati turi konnessjoni lejn paġna tal-internet li tinkludi informazzjoni dwar il-persuna inkwistjoni, din il-persuna li tkun is-suġġett tad-data tista' tindirizza ruħha direttament lill-operatur jew, meta dan ma jiġi provvediment fid-dawl tat-talba tagħha, din il-persuna tista' tressaq il-każ tagħha quddiem l-awtoritajiet kompetenti sabiex tikseb, taħt ċerti kundizzjonijiet, it-tneħħija ta' din il-konnessjoni mill-lista ta' riżultati*

Direttiva tal-Unjoni<sup>1</sup> għandha bħala għan il-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi (b'mod partikolari tad-dritt għall-ħajja privata) fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, kif ukoll it-tneħħija tal-ostakoli għall-moviment libertu ta' din id-data.

Fl-2010, Mario Costeja González, ċittadin Spanjol, ressaq quddiem l-Agencia Española de Protección de Datos (Aġenzija Spanjola għall-protezzjoni tad-data, iktar 'il quddiem l-"AEPD"), ilment kontra La Vanguardia Ediciones SL (li tippubblika gazzetta ta' kuljum b'ċirkolazzjoni kbira fi Spanja, b'mod partikolari f'Catalunya) kif ukoll kontra Google Spain u Google Inc. Fl-ilment tiegħu, M. Costeja González sostna li, meta utent tal-internet kien idañhal l-isem ta' M. Costeja González fil-mutur ta' tfittxija tal-grupp Google (iktar 'il quddiem "Google Search"), il-lista ta' riżultati kienet turi konnessjonijiet għal żewġ paġni tal-gazzetta ta' kuljum ta' La Vanguardia li jmorru lura għal Jannar u għal Marzu 1998. Fuq dawn il-paġni kien jidher, b'mod partikolari, avviż dwar bejgħ b'irkant ta' proprjetà immobbli marbut ma' proċedura ta' eżekuzzjoni għall-irkupru ta' dejn tas-sigurtà soċjali dovut minn M. Costeja González.

Permezz ta' dan l-ilment, M. Costeja González talab, minn naħa, li La Vanguardia tiġi ordnata tneħħi jew temenda l-imsemmija paġni (sabiex id-data personali tiegħu ma tibqax tidher fuqhom), jew inkella tapplika għodda partikolari pprovduta mill-muturi ta' tfittxija sabiex tiġi protetta din id-data. Min-naħa l-oħra, huwa talab li Google Spain jew Google Inc. jiġu ordnati jneħħu jew jaħbu d-data personali tiegħu sabiex din id-data ma tibqax tiġi inkluża fir-riżultati ta' tfittxija u ma tibqax tidher fost il-konnessjonijiet ta' La Vanguardia. M. Costeja González sostna f'dan il-kuntest li l-proċedura ta' eżekuzzjoni, li kien is-suġġett tagħha, kienet ilha diversi snin li ngħalqet kompletament u li issa l-indikazzjoni tagħha ma kien għad għandha ebda rilevanza.

L-AEPD ċaħdet dan l-ilment sa fejn kien jikkonċerna lil La Vanguardia, peress li qieset din tal-añhar kienet ippubblikat l-informazzjoni inkwistjoni legalment. Għall-kuntrarju, l-ilment intlaqa' sa fejn kien indirizzat kontra Google Spain u Google Inc. L-AEPD talbet lil dawn iż-żewġ kumpanniji jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jirtiraw id-data mill-indiċi tagħhom u sabiex jagħmlu l-aċċess għaliha impossibbli fil-futur. Google Spain u Google Inc. ressqqu żewġ kawżi separati quddiem l-Audiencia Nacional (Udjenza nazzjonali, Spanja), fejn talbu l-annullament tad-deċiżjoni tal-AEPD. Kien f'dan il-kuntest li l-qorti Spanjola għamlet numru ta' domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja.

<sup>1</sup> Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi [persuni fiżiċi] fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

Fis-sentenza tagħha mogħtija llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata l-ewwel nett li, billi jirriċerka l-internet b'mod awtomatizzat, kostanti u sistematiku sabiex ifittex informazzjoni li tkun ippubblikata fuq l-internet, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jkun qiegħed "jiġbor" data fis-sens tad-Direttiva. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-operatur "jirkupra", "jirreġistra" u "jorganizza" din id-data fil-kuntest tal-programmi ta' elenkar f'indiċi tiegħu, qabel ma "jaħżen" din id-data fuq is-servers tiegħu u, jekk ikun il-każ, "jikkomunika[ħa] lil" jew iqegħdha "għad-dispożizzjoni ta'" l-utenti tiegħu fil-forma ta' listi ta' riżultati. Dawn l-operazzjonijiet, koperti b'mod espliċitu u inkundizzjonat fid-Direttiva, għandhom jiġu kklassifikati bħala "ipproċessar", irrispettivament mill-fatt li l-operatur ta' mutur ta' tfittxija japplika l-istess operazzjonijiet mingħajr distinzjoni għal tipi oħra ta' informazzjoni minbarra d-data personali. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-operazzjonijiet koperti mid-Direttiva għandhom jiġu kklassifikati bħala pproċessar anki fil-każ fejn jikkonċernaw esklużivament informazzjoni li tkun diġà ppubblikata bħala tali fil-mezzi ta' komunikazzjoni. Deroga ġenerali mill-applikazzjoni tad-Direttiva f'tali każ iċċaħħad b'mod estensiv lil din tal-aħħar mis-sens tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata wkoll li l-operatur tal-mutur ta' tfittxija huwa l-"kontrollur" tal-ipproċessar, fis-sens tad-Direttiva, peress li huwa dan l-operatur li jiddetermina l-finijiet u l-mezzi ta' dan l-ipproċessar. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, sa fejn l-attività ta' mutur ta' tfittxija titwettaq b'mod addizzjonali għall-attività mwettqa mill-edituri ta' siti tal-internet u tista' tolqot b'mod sinjifikattiv id-drittijiet fundamentali tal-ħajja privata u tal-protezzjoni ta' data personali, l-operatur tal-mutur ta' tfittxija għandu jiżgura, fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu, tal-kompetenzi tiegħu u tal-possibiltajiet tiegħu, li l-attività tiegħu tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva. Huwa biss b'dan il-mod li l-garanziji previsti minn din id-direttiva jkun jista' jkollhom l-effetti kollha tagħhom u li tkun tista' effettivament tinkiseb protezzjoni effikaċi u kompleta tas-suġġetti tad-data (u, b'mod partikolari, tad-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom).

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-Direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li Google Spain tikkostitwixxi sussidjarja ta' Google Inc. fit-territorju Spanjol u, għaldaqstant, "stabiliment" fis-sens tad-Direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-argument fis-sens li l-ipproċessar ta' data personali minn Google Search ma jitwettaqx fil-kuntest tal-attivitajiet ta' dan l-istabiliment fi Spanja. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li, meta tali data tiġi pproċessata għall-ħtiġijiet ta' mutur ta' tfittxija operat minn imprima li, għalkemm tkun stabbilita fi Stat terz, ikollha stabiliment fi Stat Membru, l-ipproċessar isir "fil-kuntest ta' l-attivitajiet" ta' dan l-istabiliment, fis-sens tad-Direttiva, peress li dan l-ipproċessar ikun maħsub sabiex jiġu żgurati, f'dan l-Istat Membru, il-promozzjoni u l-bejgħ ta' spazji ta' reklamar proposti minn dan il-mutur ta' tfittxija, li jservu sabiex jagħmlu profittabbli s-servizz offrut minn dan il-mutur.

It-tieni nett, fir-rigward tal-portata tar-responsabbiltà tal-operatur ta' mutur ta' tfittxija, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, f'ċerti kundizzjonijiet, dan tal-aħħar huwa obligat inefhi mil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi tal-isem ta' persuna, il-konnessjonijiet lejn paġni tal-internet, ippubblikati minn terzi u li jinkludu informazzjoni dwar din il-persuna. Il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li tali obbligu jista' jeżisti anki fil-każ fejn dan l-isem jew din l-informazzjoni ma jkunux tneħħew preċedentement jew simultanjament minn dawn il-paġni tal-internet, u dan, jekk ikun il-każ, anki meta l-pubblikazzjoni tagħhom fuq dawn il-paġni tkun, fiha nnifisha, leġittima.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li pproċessar ta' data personali mwettaq minn tali operatur jippermetti lil kull utent tal-internet, meta jwettaq tfittxija fuq il-bażi tal-isem ta' persuna fiżika, jikseb, permezz tal-lista ta' riżultati, stampa ġenerali strutturata tal-informazzjoni dwar din il-persuna li tista' tinstab fuq l-internet. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li din l-informazzjoni tista' potenzjalment tikkonċerna diversi aspetti tal-ħajja privata u li, mingħajr il-mutur ta' tfittxija, kien ikun impossibbli jew diffiċli ħafna li jiġu konnessi flimkien. B'hekk, l-utenti tal-internet jistgħu jibnu profil ftit jew wisq iddettaljat tal-persuni li fir-rigward tagħhom iwettqu tfittxija. Barra minn hekk, il-portata tal-effett tal-interferenza fid-drittijiet tal-persuna hija msaħħa minħabba r-rwol importanti li għandhom l-internet u l-muturi ta' tfittxija fis-soċjetà moderna, li jagħtu lill-informazzjoni li tkun tinsab fil-listi ta' riżultati natura omnipreżenti. Fid-dawl tal-gravità potenzjali ta' din l-interferenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li din l-interferenza ma tistax tiġi ġġustifikata abbażi biss tal-interess ekonomiku li l-ipproċessar tad-data jirrappreżenta għall-operatur tal-mutur.

Madankollu, sa fejn it-tneħħija ta' konnessjonijiet mil-lista ta' riżultati jista' jkollha, fid-dawl tal-informazzjoni inkwistjoni, riperkussjonijiet fuq l-interess leġittimu tal-utenti tal-internet li jista' jkollhom interess li jkollhom aċċess għall-informazzjoni inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li għandu jipprova jintlaħaq bilanċ ġust b'mod partikolari bejn dan l-interess u d-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, għalkemm huwa minnu li d-drittijiet tas-suġġett tad-data jipprevalu wkoll, b'mod ġenerali, fuq l-imsemmi interess tal-utenti tal-internet, dan il-bilanċ jista' madankollu jiddependi, f'każijiet partikolari, min-natura tal-informazzjoni inkwistjoni u min-natura sensitiva tagħha għall-ħajja privata tas-suġġett tad-data, kif ukoll mill-interess tal-pubbliku li jkollu din l-informazzjoni, li jista' jvarja b'mod partikolari skont ir-rwol li għandu dan is-suġġett tad-data fil-ħajja pubblika.

Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' domanda li saritilha dwar il-kwistjoni ta' jekk id-Direttiva tippermettix lis-suġġett tad-data jitleb li l-konnessjonijiet lejn paġni tal-internet jitneħħew minn tali lista ta' riżultati għaliex ikun jixtieq li l-informazzjoni li tidher fuq dawn il-paġni u li tikkonċerna l-persuna tiegħu "tintesa" wara ċertu żmien, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, jekk jiġi kkonstatat, wara talba mis-suġġett tad-data, li l-inklużjoni ta' dawn il-konnessjonijiet fil-lista hija, attwalment, inkompatibbli mad-Direttiva, l-informazzjoni u l-konnessjonijiet li jinsabu f'din il-lista għandhom jiħassru. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li anki pproċessar inizjalment leġittimu ta' data eżatta jista' jsir, biż-żmien, inkompatibbli ma' din id-direttiva meta, fid-dawl ta' ċirkustanzi kollha li jikkarakterizzaw il-każ ineżami, din id-data tidher li hija inadegwata, li ma hijiex jew ma għadhiex rilevanti jew li hija eċċessiva fir-rigward tal-finijiet li għalihom tkun ġiet ipproċessata u taż-żmien li jkun għadda. Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' tali talba mressqa mis-suġġett tad-data fil-konfront tal-ipproċessar imwettaq mill-operatur ta' mutur ta' ftitxija, għandu b'mod partikolari jiġi eżaminat jekk dan is-suġġett tad-data għandux dritt li l-informazzjoni inkwistjoni dwar il-persuna tiegħu ma tibqax attwalment marbuta ma' ismu permezz ta' lista ta' riżultati li tintwera wara ftitxija mwettqa fuq il-bażi ta' ismu. Jekk dan ikun il-każ, il-konnessjonijiet lejn il-paġni tal-internet li jinkludu din l-informazzjoni għandhom jitneħħew minn din il-lista ta' riżultati, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet partikolari, bħalma huwa r-rwol li dan is-suġġett tad-data jkollu fil-ħajja pubblika, li jiġġustifikaw interess superjuri tal-pubbliku li jkollu, fil-kuntest ta' tali ftitxija, aċċess għal din l-informazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li s-suġġett tad-data jista' jressaq tali talbiet direttament lill-operatur tal-mutur ta' ftitxija li, f'dan il-każ, ikollu jeżamina debitament il-fondatezza ta' dawn it-talbiet. Fil-każ li l-kontrollur tal-ipproċessar ma jiħux provvedimenti fid-dawl ta' dawn it-talbiet, is-suġġett tad-data jista' jressaq il-każ tiegħu quddiem l-awtorità ta' superviżjoni jew quddiem l-awtorità ġudizzjarja sabiex dawn iwettqu l-verifiki meħtieġa u konsegwentement jordnaw lil dan il-kontrollur jieħu miżuri preċiżi.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*[It-test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106*